MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Talba Numru. 768/2005

**Paul Josef Vassallo ghan-nom u in rappresentanza tal-partnership civili Where's Everybody**

**vs**

**Joe Fenech ezercenti l-kummerc taht l-isem Kingfisher restauarant u b'digriet tad-19 ta' Settembru, 2005 giet awtorizzata l-kjamata in kawza ta' Simon Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lil konvenut ihallas fis-somma ta' elf, disa' mija u tnax-il Ewro u hamsa u sittin centezmi €1912.65 ekwivalenti ghal Lm821.10 skond annessi dokumenti u dana in konnessjoni ma` riklami illi saru fil-gazzetta Fuq Ix-Xarabank ippubblikati mis-socjeta` attrici matul Dicembru, 2002 a beneficcju tal-konvenut u dana anki kif kien obbliga ruhu u intrabat illi jaghmel f'ittra datata is-27 ta'

Gunju, 2003 iffirmata minnu, bl-imghax legali sad-data ta` l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra bonarja tat-23 ta' Novembru, 2004 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Joe Fenech fejn issolleva illi

1) preliminarjament l-attur irid jaghti prova ta` l-ezistenza ta' *'Where's Everybody?'* bhala *'partnership civili'* u ta` l-awtorizzazjoni illi huwa ghandu sabiex jirrapprezentaha.

2) Preliminarjament ukoll, in-nullita' u l-irritwalita' ta` l-avviz promotur stante it-talbiet huma dedotti minn socjeta' attrici u qed jintalab il-kundanna ta' hlas lil socjeta' attrici meta l-kawza giet intavolata minn individwu ghan-nom ta' partnership civili.

3. Fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut m'ghandu ebda rabta jew relazzjoni guridika jew kuntrattwali mal-*partnership* ta` l-attur – huwa qatt ma ffirma ebda *'order form'* ghar-reklami in kwistjoni, qatt ma pprovda ebda materjal jew artwork sabiex isiru dawn ir-reklami u qatt ma kien infrumat la bil-prezz tar-reklami u l-anqas meta kellhom jidhru fil-gazzetta Fuq ix-Xarabank u ghaldaqstant il-konvenut m'huwiex debitur tal-*'partnership'* attur u m'ghandu jaghti xejn.

4. Ili fir-realta' l-konvenut kien, fuq domanda ta' Simon Grech iddikjara l-interess tieghu sabiex jaghmel reklam fuq il-gazzetta Fuq ix-Xarabank pero` qatt ma kkonferma li kien ser jaghmel tali reklam, jew id-daqs tar-reklam jew il-frekwenza tar-reklam, qabel ma` l-istess Simon Grech jghidlu kemm kien ha jiswa u kien l-imsemmi Simon Grech illi qabad u ghamel reklam/i minghajr l-awtorizzazzjoni tal-konvenut u imbaghad informah li r-reklam kien sar u talbu biex ihallas.

5. Illi ghaldaqstant il *'partnership'* attur ghandu jindirizza l-pretensjonijiet u t-talbiet tieghu fil-konfront ta` l-imsemmi Simon Grech u mhux tal-konvenut.

6. Illi l-konvenut qatt ma rcieva ebda kommunikazzjoni minn naha tal-*'partnership'* attur u qatt ma rcieva lanqas il-fatturi ezebiti bhala Dok 'A' u 'B' ma` l-avviz promotur.

7. Illi l-firma tal-konvenut fuq l-ittra datata 27 ta' Gunju, 2003 giet karpita bil-qerq u bl-ingann perpetrata mill-istess Simon Grech illi kiteb dik l-ittra huwa stess (il-konvenut ma jafx jikteb) u gieghel lill-konvenut sabiex jiffirmaha fil-waqt illi giddiblu u qarraq bih fir-rigward tal-kontenut tal-istess ittra.

8. Illi mhux talli m'huwiex minnu l-kontenut ta` l-imsemmija ittra indirizzata lil certu 'Jean Paul' fis-sens illi *'we have been trying to call you all morning'* talli l-konvenut lanqas biss jaf min hu dan 'Jean Paul' ahseb u ara kemm kien qed jipprova jcempillu; oltre dan, l-imsemmi Simon Grech qaghad attent, bhala parti mir-raggiri minnu perpetrati, li fuq l-imsemmija ittra ma jsemmix l-ammont allegatament dovut mill-konvenut u huwa car u evidenti illi l-imsemmija ittra nkitbet minn Simon Grech unikament bl-iskop biex huwa jiskolpa ruhu ma` l-*'Where's Everybody'* u biex jinganna u jonsob lill-konvenut.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Ra illi b'digriet tad-19 ta' Settembru, 2005 it-Tribunal ordna l-kjamata in kawza ta' Simon Grech.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenut kjamat in kawza fejn intqal illi fl-ewwel lok *in linea* preliminari, l-konvenut Grech m'huwiex il-legittimu kuntradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici tali illi b'xi mod tiggustifika legalment jew fattwalment illi t-talbiet attrici jigu rivolti lejh, u dan sia fil-konfront ta` l-attur u sia ukoll fil-konfront tal-konvenut li kkjamah in kawza;

Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghal premess, it-talba attrici certament in kwantu rivolta lejn l-eccipjenti hija

nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta’ Joe Fenech, Jean Paul Mifsud u Simon Grech.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet kollha u ra illi s-sottomissjonijiet tal-konvenut Joe Fenech partikolarment irrigwarda punti la ma kienux mqajma fil-mori tal-kawza.

Illi l-konvenut Joe Fenech permezz ta’ rikors talab illi jithalla jaghmel eccezzjonijiet ulterjuri. Illi t-Tribunal jirrilleva illi fl-eccezzjonijiet tal-konvenut huwa ma kienx eccepixxa fakolta’ li jaghmel eccezzjonijiet ulterjuri. Illi din it-talba fi stadju daqshekk tardiv giet michud mit-Tribunal.

IKKUNSIDRA

Mill-provi migbura din il-kawza titratta dwar hlas ghal reklami li saru f’gazzetta li tissejjah Fuq ix-Xarabank allegatament fuq ordni tal-konvenut Joe Fenech ezercenti li-kummerc taht l-isem Kingfisher Restaurant. Illi fid-19 ta’ Settembru, 2005 giet ordnata l-kjamata in kawza ta’ Simon Grech, il-persuna li allegatament ghamel u ordna r-reklam.

Illi l-konvenut Joe Fenech kien ikkonferma illi huwa kien gie avvicinat mill-konvenut kjamat in kawza Simon Grech fir-*restaurant* tieghu fiz-Zurrieq sabiex jaghmel xi reklami fuq gazzetta izda huwa qatt ma tah l-kunsens sabiex isiru r-reklami. Irrizulta illi xi zmien wara kien mar ghandu l-konvenut, kjamat in kawza b’kont ta’ Lm800 ghal reklami li huwa jghid li qatt ma kkummissjona. Rigward il-prova dokumentata a fol. 6 fl-atti tal-kawza li tikkonsisti f’nota miktuba mill-kjamat in kawza fis-27 ta’ Gunju, 2006 u ffirmata mill-konvenut Joe Fenech fejn huwa dddikjara illi huwa kien ha jhallas l-ammont shih dovut . Din in-nota kienet indirizzata lil ‘Fuq ix-Xarabank’, Valletta u miktuba lil cert Jean Paul li fil-mori tal-kawza rrizulta li huwa Jean Paul Mifsud. Joe Fenech sostna illi ghalkemm iffirma n-

nota kif kienet, huwa ma jafx jaqra u nsista ma` Simon Grech li ried ikun jaf kemm kienet l-istima.

Illi f'din in-nota qatt ma ssemma kemm kien l-ammont, izda li l-ammont dovut kien ha jithallas. Il-konvenut qal illi huwa qatt ma kien jaf illi l-ammont kien ha jkun dak mitlub fit-talba izda ppretenda illi jkun ferm inqas. Qal ukoll illi kieku huwa kien jaf kemm kien ha jigi jiswa' r-reklam ma kienx jordnah.

It-Tribunal jinnota illi  Jean Paul Mifsud ghall-atturi kien xehed illi jiftakar illi huwa kien ircieva *'booking order'* mill-agenzija ta' Simon Grech ghar-riklami li kienu ha jidhru fil-gazzetta li dak iz-zmien kienu jippubblikaw. Din il-gazzetta kienet tissejjah Fuq ix-Xarabank. Huwa qal illi l-konvenut Joe Fench kien offra li jhallas permezz ta' ikliet izda din l-offerta ma kienetx accettabbli. Ix-xhud qal illi huwa ma kienx iccargja lill-konvenut Joe Fenech ghall-artwork involut.

Skond ix-xhieda tal-kjamat in kawza Simon Grech huwa qal illi u kien jaghmel *marketing consultancy* ma` l-capital Radio u l-konvenut Joe Fenech tal-Kingfisher Restaurant, Zurrieq kien wera interess kbir fil-gazzeta Fuq ix-Xarabank. Fix-xhieda ta' Simon Grech huwa spjega kif il-problemi inqalghu meta l-konvenut Joe Fenech ma riedx ihallas l-ammont  mitlub. It-Tribunal ikkonstata illi Simon Grech kien qal illi huwa ma jkollux il-*'booking form'* u li din tkun f'idejn il-Where's Everybody u cioe' l-atturi, It-Tribunal jirrilleva Illi mix-xhieda ta' Simon Grech ma jirrizultax illi kienu ftehmu fuq prezz jew l-ammont ta' reklami li kellhom isiru.

It-Tribunal jirrilleva wkoll illi l-*'booking form'* iffirmata mill-konvenut qatt ma giet prodotta bhala xhieda.   L-atturi pproducew *invoices* u nota fotostatika li tghid illi l-konvenut ha jhallas l-ammont dovut minnu. Izda l-konvenut Joe Fenech, ghalkemm jikkonferma li huwa kien iffirma dik in-nota bl-ghagla peress illi kellu ristorant mimli nies huwa ried ikun jaf kemm kien l-ammont li kellu jaghti.

It-Tribunal jikkonstata illi l-*'booking form'* huwa dokument importanti li juri fil-fatt x'kien il-ftehim bejn il-partijiet. Illi kif xehed Simon Grech huwa qal illi huwa ma jzommx *'booking forms'* u dawn kien jaghtihom lil Where's Everybody. It-Tribunal jhoss illi l-prassi li ma jzommx kopja ta' reklam li jkun qieghed ibejgh ghal terzi persuni hija stramba. It-Tribunal irrilleva illi l-atturi qatt ma pproducew il-*booking form* originali fejn ikun hemm miktub u iffirmat mill-klijent ghal liema ftehim ikun diehel. It-Tribunal jistaqsi allura kif wasslu l-atturi ghal-sitt reklami tul ix-xahar ta' Dicembru, 2002.

It-Tribunal m'ghandux dubju illi l-atturi ma aggixxewx minn jeddhom izda kien hemm xi tip ta' 'order' li saret minn naha ta' Simon Grech. It-Tribunal huwa konvint illi kieku kienet tezisti 'booking form' iffirmata mill-konvenut din kienet tigi prodotta. Izda t-Tribunal huwa fermament konvint illi l-konvenut Joe Fenech qatt ma nghata *'booking form'* u Simon Grech qabad u ordna r-reklami minn jeddu minghajr ma kkonsulta ulterjorment ma` l-klijent.

It-Tribunal huwa konvint illi Simon Grech kien responsabbli ghall-*booking form* u li l-atturi ghadu fuq il-kelma tieghu. Illi jidher illi l-atturi tramite Simon Grech ma kienux segwew il-proceduri sewwa ghal 'bookings' tar-reklami u li Simon Grech ghamel 'bookings' ghar-reklami minghajr ma spjega lil konvenut x'involviment finanzjarju kien ha jkun hemm.

Illi per di piu, Simon Grech meta ra illi ma kellux *'booking form'* ikkonvinca lil Joe Fenech jiffirma karta fejn il-konvenut Joe Fenech, iddikjara illi kien ha jhallas l-ammont shih li kellu jaghti .

Mill-provi jirrizulta illi l-atturi kienu joqghodu fuq kliem Simon Grech. It-Tribunal huwa konvint illi Simon Grech avvicina lil Joe Fenech u kkonvincih jaghmel xi reklami. Illi mix-xhieda jidher illi l-konvenuti kienu jafu lil xulxin u kien

hemm xi relazzjoni ta’ hbiberija u ghalhekk Joe Fenech kien qed jafda lil Simon Grech.

It-Tribunal m’ghandux dubju illi kemm l-*artwork*, kif ukoll ir-reklami saru mill-atturi fuq ordni ta’ Simon Grech. It-Tribunal m’ghandux dubju li l-*‘booking form’* li qatt ma ngabet bhala prova sabiex jissustanzja dak kollu li kien qieghed jigi allegat kemm mill-atturi kif ukoll mill-konvenut kjamat in kawza fil-fatt qatt ma ezistiet. It-Tribunal m’ghandux dubju ukoll illi l-konvenut Joe Fenech, ghalkemm cahad li jaf x’kien qed jigri jew li qatt kellem lil Jean Paul Mifsud kien fil-fatt iffirma dik il-karta fejn ammetta li ha jhallas izda offra li jhallas r-reklami permezz ta’ ikliet.

It-Tribunal jirrilleva illi mill-provi migbura l-konvenut Joe Fenech ma tax kaz ghal x’hiex kien diehel meta mar ikellmu Simon Grech. Huwa qaghad fuq il-kelma ta’ Simon Grech u fuq il-hbiberija li kellhom. It-Tribunal huwa fermament konvint illi qatt ma ftehmu fuq il-prezz tar-reklami u fuq il-frekwenza tar-reklami.

It-Tribunal huwa moralment konvint illi kien Simon Grech li rranga kollox minghajr ma qal lil Joe Fenech kemm kienu ha jigu jiswew dawn ir-reklami peress illi jidher mill-provi illi l-konvenut f’idejn il-kjamat in kawza. Izda t-Tribunal huwa marbut bil-provi li jingiebu quddiemu u illi ghalkemm id-decizjonijiet ghandhom ikunu bazati fuq il-principju ta` l-ekwita’ dan ma jfissirx illi l-ligijiet m’ghandhomx jigu segwiti.

L-atturi minn naha taghhom ipproducew zewg *invoices* datati Dicembru 2002 u fotokopja ta’ karta iffirmata mill-konvenut li kien dispost ihallas l-ammont shih dovut, bhala prova dokumentali, liema karta giet ikkonfermata mill-konvenut Joe Fenech.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut Joe Fenech kellu diversi opportunitajiet sabiex jipprova l-qerq ta’ dik il-karta iffirmata minnu izda ghazel illi ma jkomplix fil-provi f’dak ir-rigward.

It-Tribunal izda huwa tal-fehma illi ghalkemm il-konvenut jghid li sa dak iz-zmien ma kienx jaf kemm kien l-ammont dovut, mill-provi jidher illi huwa kien ircieva l-*invoices* mill-atturi u kien iffirma dik il-karta. Ghalhekk, ghalkemm il-konvenut jghid illi huwa ffirma dik il-karta b'ingann huwa qatt ma` gab prova ta' dan.

It-Tribunal huwa fermament konvint illi l-konvenut Joe Fenech ittraskura din il-kwistjoni u halla f'idejn Simon Grech li wasslu sabiex jiffirma l-karta datata 27 ta' Gunju, 2003 u din hija l-prova prodotta mill-atturi li tefghet ir-responsabbilita' tal-hlas ghand il-konvenut Joe Fenech.

Illi t-Tribunal jirrizultalu illi Simon Grech kien il-bniedem li ordna r-reklam u li kien jfittex ir-reklamar ghal gazzetta Fuq ix-Xarabank u li kien jahdem normalment *'on commission'* ma` l-Where's Everybody, izda peress illi Joe Fenech kien habib tieghu stqarr illi ma kienx ried il-kummissjoni. It-Tribunal jidhirlu illi Simon Grech kellu relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u li t-talba ghal kjamat in kawza kienet gustifikata.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenut Joe Fenech ghandhom jigu respinti peress illi rrizultaw prova ta' l-ezistenza tas-socjeta' civili Where's Everybody permezz ta' estratt mill-Istatut tas-socjeta' Where's Everybody li turi wkoll id-dritt li Paul Josef Vassallo jista' jirrapprezenta l-istess socjeta' civili.

Illi dwar l-eccezzjonijiet l-ohra, it-Tribunal jidhirlu illi kienet it-traskuragni ta' l-istess Joe Fenech li wasslitu ghal kawza ta` llum. Illi huwa bi traskuragni kien iffirma karta li tghid illi kellu jhallas *'the full amount owed'* lil gazzetta Fuq ix-Xarabank minghajr ma kien jaf x'kien l-ammont dovut u ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joe Fenech fic-cirkostanzi, ma jimmeritawx akkoljiment.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut Joe Fenech ihallas lis-socjeta' attrci fis-somma

ta’ elf, disa’ mija u tnax-il Ewro u hamsa u sittin centezmi (€1912.65) minghajr imghax.

Spejjez tal-kawza a karigu tat-tlett partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------